

**MT**

**MT**

**MT**



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 13.10.2010  
KUMM(2010) 578 finali

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE**

(imressqa mill-Kummissjoni)

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006<sup>1</sup> jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea permezz ta' mekkaniżmu ta' flessibilità, fil-limitu massimu annwali ta' EUR 1 biljun, minbarra l-intestaturi rilevanti tal-qafas finanzjarju. Il-kundizzjonijiet tal-eliġibilità għall-Fond huma ppreżentati fid-dettall fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002<sup>2</sup>.

Abbażi tal-applikazzjoni għall-assistenza mill-Fond mill-Portugall u minn Franza relatata mat-tiġri u l-għargħar fil-gżira ta' Madeira (il-Portugall) u il-maltempata Xynthia (Franza) fi Frar 2010, l-estimi totali tal-ħsara kkaġunata huma kif ġej:

(f'EUR)

	Ħsara diretta	Limitu minimu	Ammont ibbażat fuq 2.5 %	Ammont ibbażat Fuq 6%	Ammont totali tal- għajjuna proposta
Il-Portugall – L- għargħar fil- Madeira 2010	1 080 000 000	958 406 000	23 960 150	7 295 640	31 255 790
Franza – Il- maltempata Xynthia 2010	1 425 430 000	3 466 573 000	35 635 750	-	35 635 750
<b>Total</b>					<b>66 891 540</b>

Fid-dawl tal-valutazzjoni tal-applikazzjoni<sup>3, 4</sup>, u meta titqies l-għotja massima possibbli mill-Fond flimkien mal-possibilità ta' riallokazzjoni tal-appropriazzjonijiet taħt l-intestatura li tirrikjedi nefqa addizzjonali, il-Kummissjoni tipproponi li timmobilizza l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea għal ammont totali ta' EUR 66 891 540, li għandu jkun allokat taħt l-intestatura 3b tal-qafas finanzjarju.

Bil-preżentazzjoni ta' din il-proposta sabiex jiġi mobilizzat il-Fond, il-Kummissjoni qiegħda tagħti bidu għall-proċedura ssimplifikata tat-trilogu, kif mitlub mill-Punt 26 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006, sabiex jinkiseb il-ftehim taż-żewġ dirgħajn tal-Awtorità tal-Baġit dwar il-ħtieġa li jiġi użat il-Fond u l-ammont meħtieġ. Il-Kummissjoni tistieden lil kull driegħ tal-awtorità baġitarja biex jinforma lill-ieħor u lill-Kummissjoni dwar l-intenzjonijiet tiegħu.

Fil-każ li jkun hemm nuqqas ta' ftehim minn waħda miż-żewġ dirgħajn tal-Awtorità tal-Baġit, għandha tissejjaħ laqgħa formali tat-trilogu.

Il-Kummissjoni se tippreżenta abbozz ta' baġit emendatorju (ABE) sabiex jiddaħħlu fil-baġit tal-2010 appropriazzjonijiet speċifiċi għall-impenji u għall-ħlasijiet kif mitlub mill-Punt 26 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006.

<sup>1</sup> ĠU C 139, 14.06.2006, p. 1

<sup>2</sup> ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3

<sup>3</sup> Komunikazzjoni lill-Kummissjoni SEC(2010)1147 dwar applikazzjoni biex jiġi mobilizzat il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea ppreżentata mill-Portugall.

<sup>4</sup> Komunikazzjoni lill-Kummissjoni SEC(2010)1149 dwar applikazzjoni biex jiġi mobilizzat il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea ppreżentata minn Franza.

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda<sup>5</sup>, u b'mod partikolari l-punt 26 tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jstabilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea<sup>6</sup>,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni<sup>7</sup>,

Billi:

- (1) L-Unjoni Ewropea ħolqot il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (il-"Fond") sabiex turi solidarjetà mal-popolazzjoni ta' reġjuni milquta minn diżastri.
- (2) Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond sal-limitu annwali ta' EUR 1 biljun.
- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 2012/2002 fih id-dispożizzjonijiet li permezz tagħhom il-Fond jista' jiġi mobilizzat.
- (4) Il-Portugall ressaq applikazzjoni biex il-Fond jiġi mobilizzat, fir-rigward ta' diżastru kkaġunat minn tiġrif u għargħar fil-gżira ta' Madeira.
- (5) Franza ressqet applikazzjoni biex il-Fond jiġi mobilizzat, fir-rigward ta' diżastru kkaġunat mill-maltempata Xynthia.

---

<sup>5</sup> ĠU C 139, 14.06.2006, p. 1.

<sup>6</sup> ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3.

<sup>7</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea għandu jkun mobilizzat sabiex jipprovdi s-somma ta' EUR 66 891 540 f'approprjazzjonijiet għall-impenji u għall-ħlasijiet.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*